MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2012

Numru. 375/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlos Cordina)**

**vs**

**Guzeppi Griscti**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Guzeppi Griscti, bin Andrea u Katerina nee' Zerafa, imwieled fil-21/03/1955 u joqghod 50, Triq il-Mithna, Zurrieq, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 266755(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fit-03/09/2010, ghall-habta tas-13:40 hrs gewwa Triq is-Sejba, Mqabba,

1. Saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAC-039, u b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-

regolamenti tat-traffiku, habat ma’ vettura numru GBH-719 w involontarjament kkaguna hsara ghad-dannu ta’ Ivan Zammit.

2. U aktar meta b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkaguna offizi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Ivan Zammit skond kif iccertifika Dr. Justine Caruana M.D. reg No 5223 mill-MDH.

Il-Prosekuzzjoni titlob lil Qorti li huwa jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta’ zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 9 ta’ Frar 2012 (esebita a fol. 69 tal-process) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikolu 225, 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(b) fl-artikolu 328(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(c) fl-artikolu 30(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ; u
(d) fl-artikolu 15(1)(a), (2) u (3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Rat li waqt l-udjenza tad-19 t’ April 2012, l-imputat ddikjara li huwa m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat :

Illi l-fattispeci ta’ dan il-kaz jirrigwardaw incident stradali li sehh fit-3 ta’ Settembru 2010 ghall-habta ta 13.40hrs fi Triq is-Sejba, l-Imqabba bejn il-vettura bin-numru tar-

registrazzjoni LAC 039 tal-marka Mitsubishi (vann light goods) misjuq mill-imputat u l-quad bike bin-nurmu tar-registrazzjoni GBH 719 misjuq minn Ivan Zammit. F'dan l-incident Ivan Zammit is-sewwieq tal-quad bike sofra griehi ta' natura gravi konsistenti fi ksur fil-lower lumbar disc fis-sinsla ta' daru. Dan jirrizulta kemm mic-certifikat mediku nserit a fol. 4 tal-atti processwali kif ukoll mix-xhieda ta' Dr. Justine Camilleri li rrilaxjat dan ic-certifikat u li xehdet waqt l-udjenza tad-29 ta' Lulju 2011 kif ukoll mix-xhieda tal-konsulent ortopediku Mr. Frederick Zammit Maempel li wkoll xehed waqt l-udjenza tad-29 ta Lulju 2011 fejn spjega li huwa kien opera lil Ivan Zammit wara l-incident u li baqa' jarah fl-Outpatient.

Ivan Zammit li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-13 ta' Jannar 2012 spjega li fid-data tal-incident de quo huwa kien qed isuq il-quad bike bin-numru tar-registrazzjoni GBH 719 fi triq sekondarja gej mid-direzzjoni tal-Imqabba u sejjer fid-direzzjoni tas-Siggiewi. Huwa spjega li malli wasal fil-bend ghat-tond li hemm fit-triq  sehhet il-habta mal-vettura misjuqa mill-imputat. Ivan Zammit jghid li hadd minnhom ma kien qed isuq b'velocita' u qal ukoll li huwa sofra griehi konsistenti fi ksur f'daru, gie operat u dam imur ghall-kura madwar seba' xhur u nofs izda qal lli llum il-gurnata m'ghadux imur ghand il-konsulent ortopediku. Fil-verzjoni tal-fatti mogjhtjia a tempo vergine kif riportata fl-okkorrenza inserita a fol. 20 sa 23 tal-atti processwali jirrizulta li Ivan Zammit qal li meta wasal fil-kantuniera ra l-vettura misjuqa mill-imputat tiskiddja u tolqot il-vettura tieghu.

PS 850 is-Surgent li nvestiga dan il-kaz u li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-12 ta' Mejju 2011 spjega li l-kantuniera fejn sehh l-incident de quo hija danger spot u f'dak il-post isehhu hafna kollizzjonijiet minhabba is-sharp bend li hemm fit-triq fejn hafna vetturi li jkunu qed iduru jispiccaw sabiex jinvadu parzjalment il-kareggjata opposta. Waqt l-udjenza tad-19 ta' April 2012 fil-fatt kien hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza li l-post fejn sehh l-incident jista'' jigi definit bhala danger spot minhabba li jsiru hafna ncidenti f'dak il-punt tat-triq.

L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-19 ta' April 2012 fejn spjega li dakinhar tal-incident huwa kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni LAC 039 fi Triq is-Sejba, l-Imqabba gej mid-direzzjoni tas-Siggiewi u sejjer lejn l-Imqabba. Huwa jghid li dakinhar it-triq kienet imxarrba ghailex ghamlet l-ewwel xita ta' Settembru u spjega li malli dar il-liwja sab il-vettura ta' Zammit ma wiccu u nhasad, huwa applika l-brejk izda peress li t-triq kienet imxarrba il-vann tieghu skiddja u huwa laqat il-quad bike bil-fanal ta' quddiem tan-naha tal-lemin. L-imputat jghid li qabel l-impatt huwa kien qed isuq b'velocita' ta' madwar tletin kilometru fis-siegha u kien fuq sajdu. Huwa qal ukoll li Zammit ukoll kien qed isuq fuq sajdu izda vicin hafna tal-linja medjana tat-triq. L-imputat isostni li l-vettura tieghu spiccat fuq il-karreggjata l-ohra tat-triq wara l-impatt.

Ikkunsidrat :

Illi f'dawn il-proceduri l-imputat qed jigi akkuzat li minhabba nuqqas ta' hsieb u traskuragni involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Ivan Zammit u hsara fil-vettura tal-istess Zammit. Minn ezami tal-provi jirrizulta li hemm qbil bejn il-partijiet kollha koncernati dwar id-dinamika tal-incident u dwar il-fatt li fil-post fejn sehh l-incident hemm kisra perikoluza fejn fil-fatt isiru hafna kollizzjonijiet. Hemm ukoll qbil li l-imputat ma kienx qed isuq b'velocita' qawwija. Jidher li l-incident sehh ghaliex malli l-imputat dar il-kisra sab il-quad bike misjuq minn Zammit gej mid-direzzjoni opposta u qed jinstaq mal-linja medjana tat-triq u huwa applika l-brejk izda peress li t-triq kienet imxarrba il-van tieghu skidja u laqat il-quad bike bil-ponta ta' quddiem tal-lemin tal-vettura tieghu. Mill-iskizz u mir-ritratti esebiti a fol. 32 tal-atti processwali jirrizulta li vetturi kbar li jkunu qed jiksru lejn l-Imqabba minhabba il-kisra bilfors iridu jinvadu parzjalment il-karreggjata tal-vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta u din hija r-raguni li f'dak il-post isiru hafna kollizzjonijiet. Fl-kaz odjern il-Qorti ma setghat tirriskontra ebda foma ta' culpa da parti tal-imputat l-anqas wahda levissima ghaliex huwa kien qed isuq b'velocita' ragonevoli ghall-lokalita' u ghafas il-brejk malli induna bil-vettura l-ohra izda minhabba li t-

triq kienet imxarrba spicca sabiex skiddja u laqat il-quad bike misjuq minn Zammit u spicca fuq in-nahs l-ohra tat-triq. Il-Qorti jidrilha li bl-ebda mod ma jista' jitqies li gie pruvat mill-Prosekuzzjoni li l-imputat naqas milli jipprevedi dak li huwa prevedibbli minn persuna ta saggezza ordinarja.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------